MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 77/2009

**GasanMamo Insurance Limited
kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Krea (Malta) Limited
skond il-ligi u l-polza (Claim Numru C 086084)**

**Vs**

**Carmelo Caruana Company Limited C 9616
f'isimha proprju u bhala agent u mandatarja ta' CMA CGM
u/jew bhala armaturi u forrnituri tal-vapur MV Stadt Goslar u in rapprezentanza ta' l-istess.**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf, mija u tlettax-il Ewro u erbatax-il centezmu (€1,113.14), rapprezentanti hsarat sofferti mill-assikurata

tas-socjeta' attrici fuq konsenja konsistenti f'"*90 packages sofas and mattresses*" li waslet Malta fit-30 ta' Jannar, 2008 abbord il-vapur *M/V Stradt Goslar*, ghal liema hsarat hija responsabbli s-socjeta' konvenuta u ta' tali hsarat is-socjeta' *Krea (Malta) Limited* giet kumpensata mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-presentata ta' l-Avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi l-ammont minnha mitlub mhux dovut. Is-socjeta' konvenuta *proprio et nomine* mhix responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici, ta' liema hsarat l-istess socjeta' attrici ghandha ggib il-prova kif mitlub mil-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Paul Ellul, in rapprezenta tas-socjeta' attrici fil-kapacita' tieghu bhala '*surveyor'* u jikkonferma ukoll li kien ghamel '*survey'* fuq inkarigu tas-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Kurt Caruana, '*claims negotiator'* mas-socjeta' attrici. Ighid li kien ircieva '*claim'* minghand il-'*brokers'* tas-socjeta' *Krea Limited* u dan kien fit-13 ta' Frar, 2008 fejn irrizulta li kienet dahlet xi konsenja ta' 90 pakkett ta' sufanijiet u kien hemm hsarat f'dawn is-sufanijiet.

Kien gie mqabbad Paul Ellul '*surveyor*' ma' *GMSCS*, li kkonferma li kien hemm dawn il-hsarat u kien ghalhekk li kienu ghamlu l-pagament, fl-ammont ta' elf, mija u tlettax-il Ewro u erbatax-il centezmu (€1,113.14).

Mis-'*survey*' irrizulta li kien hemm xi toqba fil-'*container*' tas-socjeta' konvenuta, tant li waqt li l-merkanzija kienet *in transit*, kien dahal xi ilma u kkaguna hsara lil dawn is-sufanijiet.

Ra x-xhieda ta' Donald Mallia, li jokkupa l-kariga ta' '*Logistics Manager*' mas-socjeta' '*Krea Limited*', li jispjega li d-disghin pakkett, ma kienux jikkonsistu kollha f'sufanijiet, kien hemm ukoll saqqijiet.

Is-socjeta' konvenuta kienu s-"*shippers*" u ghalhekk kellha tiehu hsieb li tigbor il-merkanzija minghand l-agent tas-socjeta' attrici, fit-Turkija u twassalha sal-Port ta' Malta.

Mill-port 'l quddiem, il-burdnara tas-socjeta' konvenuta jiehdu hsieb din il-merkanzija. Sakemm il-burdnara jigbru l-merkanzija, din tibqa' gol-'*container*', sakemm tasal ghall-'*warehouse*' u mbaghad tinhatt mill-impjegati tas-socjeta'.

Waqt li l-impjegati kienu qed ihottu, kienu ndunaw li kien hemm daqqa f' wahda mill-containers u kien hemm ukoll toqba fis-saqaf u kienu xxarrbu s-sufanijiet.

Kien hemm b'kollox disa' sufanijiet mxarrbin.

Ra x-xhieda ta' Tonio Micallef, li kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta bhala agenti ta' *CMA CGM*. Bhala agenti jinstennew illi t-'*trailers*' jigu hawn Malta u mbaghad is-socjeta' konvenuta tohrog id-'*delivery note'* li jghaddulhom, sabiex b'hekk ikunu jistghu jinkarigaw lill-burdnar sabiex ihottu dawn it-'*trailers*' u jergghu jiehdu hsieb li l-'*containers*' jergghu jigu rritornati il-*Freeport*.

Bhala agenti, s-servizzi taghhom jibda malli l-'*containers*' ighaddu r-'*rail*' tal-vapur u jieqfu fil-mument li l-merkanzija tasal fil-'*container*' gewwa l-*Freeport* ta' Malta. Imbaghad il-merkanzija taqa' taht ir-responsabbilita' tal-*Freeport*. Meta ikun hemm il-burdnara, imbaghad taqa' taht ir-responsabbilita' ta' l-agenzija tal-burdnara.

Il-*Freeport* tkun trid tezamina l-'*container*' esternament u jekk kemm il-darba jirrizulta li kien danneggjat, ikunu jridu johorgu *CDA form* u din tintbaghat lill-agent u fil-kaz in kwistjoni, ix-xhud ighid li ma jirrizultax f'dan il-kaz li kien hemm xi *CDA form* da parti tal-*Freeport*.

Dan ifisser li sakemm il-*container* inhatt mill-vapur u baqa' ghand il-*Freeport*, kien irrizulta li kien fi stat tajjeb.

Jista' jaghti l-kaz ukoll li l-hsara tista' tigri waqt li l-*container* tkun taht ir-responsabbilita' tal-*Freeport* u fil-fatt ighid li mill-investigazzjonijiet li ghamel irrizultalu li kien hemm rapport ta' *container* imtaqqab u din il-hsara kienet saret wara li nhattet il-merkanzija.

Izid ighid li f'dak iz-zmien kien hemm il-*cargo handling* u kienu juzaw *cranes* sabiex inehhu l-merkanzija u mbaghad il-*personnel* tal-*Freeport*, kienet tiehu hsieb li tistiva l-merkanzija gewwa *container*.

Ikkonferma li f'dan il-kaz, kienu sabu l-*container* issiggillat.

Ra x-xhieda ta' Olivia St.John, in rapprezentanza tal-*Malta Freeport Terminal Limited* li kkonfermat li kien hemm *records*, li l-*container* kien dahal il-*Freeport*, pero' ma kienx hemm *records* li kien hemm *container* iddanneggjat.

Meta l-impjegati jsibu *container* iddanneggjat, tkun trid timtela' *CDR – "container damage report"* u l-istess isir f'kaz li jisbu l-hsara tkun saret fiz-zmien li l-*container* ikun baqa' fit-terminal u dan jintbaghat ghand l-agenti hawn Malta.

Ir-rapport jista' jsir hemm mill-agent jew minn wiehed mill-impjegati tal-*Freeport*.

Jekk jirrizulta li jkun hemm danni li jirrizultaw minn barra, anke jekk il-*container* jibqa' ssiggillat, xorta wahda jkun irid isir rapport f'dan is-sens. Jekk ikun hemm danni fis-saqaf, ikun irid isir rapport.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Is-socjeta' attrici surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha *Krea Limited*, qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi

kkundannata thallas ghad-danni li soffriet minhabba li parti minn konsenja ta' sufanijiet u saqqijiet, kienu xxarrbu waqt li kienu  qed jigu kkunsinnjati lis-socjeta' assikurata.

Mis-*survey report* li hejja Paul Ellul, irrizulta li dan it-tip ta' "*shipment*" ta' dina l-merkanzija, kienet "*EX WORKS*" u dan fil-kliem tieghu stess jispjega li dan kien ifisser li "***suppliers' obligation ended at the time the goods were made ready at their warehouse for consignees and/or consignees' subcontractors to collect and load into the container. In this respect, if the container was already damaged prior to being loaded then it was the consignees' sub-contractors (the freight forwarders and/or their sub-contractors) obligation to provide a container suitable for the carriage of the goods."***

F'dan l-istadju, irid jigi stabbilit minn liema moment, il-merkanzija taqa' that ir-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta; konvenuta bhala agent tas-socjeta' assikurata, kienet responsabbli li l-merkanzija tingabar minghand l-agent mit-Turkija,  titpogga fuq il-vapur u tingab Malta fil-Port u r-responsabbilita' taghha tieqaf fil-mument li l-*container*, ighaddi r-*rail* tal-vapur.

Minn dak il-mument tidhol responsabbli l-*Freeport*, li ghandha l-obbligu,in tramite l-impjegati taghha li tezamina l-*container* esternament u jekk hemm burdnara nvoluti, ghalihom tidhol responsabbli l-agenzija tal-burdnara.

Jekk mill-ezami esterna jirrizulta li ikun hemm xi hsarat ghandha timtela' *container damage report (CDR)* minn naha tal-*Freeport*, ix-xhud Tonio Micallef, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, jghid li ma kienx hemm *CDR report* da parti tal-*Freeport* u dan kien ifisser li sakemm il-merkanzija nhattet mill-*container* ma gietx konstata hsara.  Jipsjega ukoll, li mhux impossibbli li l-hsara setghet saret waqt il-*container* kien ghadu ghand il-*Freeport*.

Mill-provi prodotti, ma jistax jigi stabbilit meta sehh l-incident bl-ezatt. Pero', gie stabbilit li s-socjeta' assikurata

saret taf li kien hemm hsarat fis-sufanijiet, meta tnehhiet il-merkanzija minn gol-*container*.

Jirrizulta ukoll mir-ritratti esebiti, li t-toqba li kien hemm fis-saqaf ta' dan l-*container*, kienet msadda, izda dan seta' jipprova li t-toqba kienet ilha hemm jew sahanistra setghet grat peress li kien hemm kuntatt mal-ilma u hareg is-sadid.

*In ogni caso*, ir-rapport kien,  li kien irrizultalhom li kien hemm din it-toqba msadda waqt li l-impjegati tas-socjeta' attrici kienu qed ihottu l-merkanzija minn gol-*container* li kien jinstab fil-mahzen tas-socjeta' attrici u kienu ndunaw b'dan ghaliex kienu sabu xi sufanijiet mxarrbin.

Ghalhekk huwa difficli biex jigi stabbilit meta kien hemm hsara fil-*container* u *per konsegwenza* minn kien responsabbli sa' dak il-hin.

Ghandu jinghad ukoll, li minn ezami li zammet il-*Freeport*, ma kienx irrizulta li kien hemm xi danni fil-*container*. Fil-kaz tas-socjeta' konvenuta, ma jirrizultax li kienet telghet il-merkanzija meta kienet konsapevoli ta' dawn il-hsarat fil-*container*. Anzi, pjuttost il-fatti kif sehhew jaghtu x'jifhem li sakemm il-merkanzija waslet fil-Port ta' Malta, ma kienx hemm indikazzjoni li kien hemm xi danni u dan huwa kkonfermat mir-rapprezentanti tal-*Freeport*, li kellhom l-kompitu sabiex jezaminaw dan il-container u ma kellhomx x'jirraportaw.

Fid-dawl ta' dan kollu, huwa difficli ghal dan it-Tribunal biex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta, ghaliex ma kienx hemm bizzejjed provi konvincenti *da parti* ta' l-atturi biex jikkonvinci lil dan it-Tribunal li kien hemm responsabbilita' da parti taghhom.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad it-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------